



Brussell, 15 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9413/23

COPEN 157
COTER 95
CT 96
ENFOPOL 245
JAI 621

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.	8738/23 + ADD 1, 8768/23 + ADD 1 + ADD 2
Nru dok. Cion:	7763/23 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar ir-reviżjoni jew l-emendar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (CETS Nru 196), bil-ħsieb li tiġi modifikata d-definizzjoni ta' reati terroristiċi inkluża f'dik il-Konvenzjoni - Test kif adottat mill-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, kif adottat mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-3947 laqgħa tiegħu fil-15 ta' Mejju 2023, kif ukoll id-direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawha.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar ir-reviżjoni jew l-emendar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (CETS Nru 196),
bil-ħsieb li tiġi modifikata d-definizzjoni ta' reati terroristiċi inkluża f'dik il-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ta mandat lill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ("CDCT") biex iniedi negozjati dwar il-modifikazzjoni tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi li għandha tiġi applikata fost il-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (il-"Konvenzjoni Nru 196").
- (2) Fit-2 ta' Diċembru 2022, is-CDCT iddeċieda li jimmodifika d-definizzjoni ta' reati terroristiċi u li jiftaħ n-negozjati formali dwar it-test ta' dik id-definizzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-23-25 ta' Mejju 2023.
- (3) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni Nru 196 u l-protokoll addizzjonali tagħha. Hija eżerċitat il-kompetenza tagħha permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam ta' reati terroristiċi u reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi.
- (4) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi hija koperta mil-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541, li hija bbażata fuq il-bażi legali prevista fl-Artikolu 83(1) TFUE. Il-modifikazzjoni tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni Nru 196 tista' taffettwa r-regoli komuni stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2017/541 jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.
- (5) Sabiex tiġi protetta l-integrità tal-liġi tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-regoli tad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati dwar il-modifikazzjoni tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni Nru. 196, għal materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definit mit-Trattati, u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli.

¹ Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

- (6) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif definit mit-Trattati, għall-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri fin-negozjati, u għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti dwar il-konklużjoni, l-iffirmar jew ir-ratifika tar-reviżjoni jew tal-emendar tal-Konvenzjoni Nru. 196.
- (7) Id-direttivi ta' negozjar stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni huma indirizzati lill-Kummissjoni u jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar jekk xieraq skont l-evoluzzjoni tan-negozjati.
- (8) Fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri kollha huma wkoll Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, jenħtieġ li l-Istati Membri li jipparteċipaw fin-negozjati jappoġġaw lin-negozjatur tal-Unjoni fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-Trattati, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, b'rispett reċiproku sħiħ.
- (9) F'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess ta' negozjar, inkluż permezz ta' kuntatt regolari mal-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tagħhom fi Strasburgu.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneogzja, fisem l-Unjoni, fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definit mit-trattati, u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli, ir-reviżjoni jew l-emendar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu (CETS Nru 196), bil-ħsieb li tiġi mmodifikata d-definizzjoni ta' reati terroristiċi inkluża f'dik il-Konvenzjoni.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew fuq il-bażi tad-direttivi ta' negozjar li jinsabu fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni, soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ lill-Kummissjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN), li huwa b'dan appuntat bħala l-komitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-komitat speċjali msemmi fl-ewwel paragrafu dwar il-progress tan-negozjati u għandha tibgħatlu d-dokumenti kollha tan-negozjati malajr kemm jista' jkun.

Meta tintalab hekk mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-tmexxija u l-eżitu tan-negozjati, inkluż bil-miktub.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Addendum

DIRETTIVI TA' NEGOZJATI

Rigward il-proċess tan-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (1) Il-proċess tan-negozjati jkun miftuħ, inklużiv u trasparenti, u bbażat fuq il-kooperazzjoni bona fide.
- (2) Il-kontribut li jasal mill-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni jitqies fuq bażi ugwali biex jiġi żgurat proċess inklużiv.
- (3) Il-proċess tan-negozjati huwa bbażat fuq programm ta' ħidma effettiv u realistiku.

Rigward l-oġġettivi ġenerali tan-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (4) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni tkun, sa fejn possibbli, kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi tal-Istati Membri previsti fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2017/541.
- (5) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi tirrifletti b'mod adegwat u komprensiv il-kamp ta' applikazzjoni tar-reati terroristiċi, filwaqt li titqies it-theddida terroristika li riesqa lil hinn mill-miri u l-modus operandi tradizzjonali.
- (6) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 hija ppreservata fl-Unjoni u tkompli tiġi applikata fir-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-Istati Membri li japplikaw dik id-Direttiva.
- (7) In-negozjati jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-libertajiet u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rigward il-proċess tan-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (8) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni tkun definita b'mod li jiżgura ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali.
- (9) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi tkun ifformulata f'termini ġenerali. Il-formulazzjoni, sa fejn ikun possibbli, tkun kompatibbli mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u t-trattati kontra t-terroriżmu elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni.
- (10) Sa fejn ikun possibbli, ma għandu jkun hemm l-ebda diskrepanza bejn id-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni u d-definizzjoni ta' reati terroristiċi stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541.
- (11) L-elementi tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi fil-Konvenzjoni huma koerenti mal-approċċ b'żewġ partijiet fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541, il-paragrafu 1 tagħha jlenka l-atti intenzjonati li jistgħu jagħmlu ħsara serja lil pajjiż jew lil organizzazzjoni internazzjonali partikolari li jikkwalifikaw bħala reati terroristiċi meta jitwettqu b'wieħed mill-għanijiet terroristiċi elenkati fil-paragrafu 2 tagħha.
- (12) Fil-każ ta' aġġornament tal-Appendiċi tal-Konvenzjoni, bi trattati ġodda kontra t-terroriżmu, jenħtieġ li r-reati definiti f'dawn it-trattati u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikunu kompatibbli mal-lista ta' reati kriminali fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2017/541.

Rigward il-funzjonament tal-Konvenzjoni, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (13) Il-Konvenzjoni, kif riveduta jew emendata, tippreserva l-istrumenti globali u reġjonali eżistenti u l-kooperazzjoni internazzjonali kontinwa fil-ġlieda globali kontra t-terroriżmu.
- (14) Il-Konvenzjoni, kif riveduta jew emendata, tippreserva l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u d-dispożizzjonijiet finali tagħha, inkluż dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni u l-adeżjoni, id-dħul fis-seħħ, l-emendar, is-suspensjoni u d-denunzja.

B'mod ġenerali, il-proċedura għan-negożjati għandha tkun kif ġej:

- (15) Il-Kummissjoni għandha tagħmel hliitha biex tiżgura li l-Konvenzjoni, kif riveduta jew emendata, tkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.
- (16) It-tnejn għan-negożjati trid issir sew minn qabel. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar l-iskeda antiċipata u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu negożjati u għandha tikkondividi l-informazzjoni rilevanti kmieni kemm jista' jkun.
- (17) Is-sessjonijiet ta' negożjar għandhom ikunu preċeduti minn laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma COPEN sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin, jiġu fformulati l-opinjoni u tingħata gwida, inkluż il-formulazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u riżervi, kif xieraq.
- (18) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Grupp ta' Ħidma COPEN dwar l-eżitu tan-negożjati wara kull sessjoni ta' negożjati, inkluż bil-miktub.
- (19) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u tikkonsulta lill-Grupp ta' Ħidma COPEN dwar kwalunkwe kwistjoni importanti li tista' tinqala' waqt in-negożjati.
